MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 152/2014

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Krasimir Simeonov Uzunov**
**ID. 26126(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2014 illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ sitt mitt ewro (€600) bhala bilanc rimanenti minn somma akbar in konnessjoni a' ftehim ghal hlasijiet ratejali datat 19 ta' Novembru, 2012 (AC40179810).

Illi interpellat sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghax.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ sitt mitt ewro (€600) bl-imghax legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------